# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Gunju 2023**

**Rikors Nru : 559/2022 JPG**

**Kawza Nru : 24**

**MG**

**Vs**

**GM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 24 ta' Ottubru 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrent izzewweg lil intimata nhar il-hamsa t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (05.10.2008);*

2. *Illi huma ghandhom zewgt itfal li ghadhom ilkoll minuri;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Claire Camilleri nhar it-tmintax ta' Novembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (18.11.2021, b'insinwa numru tlieta erbgha wiehed sitta tlieta zbarra elfejn wiehed u ghoxrin (34163/2021) anness u mmarkat Dok A;*

4. *Illi l-partijiet rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m'hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward u skond il-kuntratt ta' separazzjoni r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas mitejn u sittin ewro (€260) manteniment fix-xahar ghal kull wild li jinkludi l-ispejjez ta' sahha,*

*edukazzjoni u extrakurrikulari, salv ghal spejjez extra-ordinarji, fuq liema ma hemmx pendenzi;*

5. *Illi llum m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin – Affidavit Dok B.*

6. *Illi il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

*U Dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 15 ta' Dicembru 2022, a fol 20 li taqra hekk:

1) *Illi permezz tar-rikors tieghu hawn fuq imsemmi tal-24 ta' Ottubru 2022 ir-rikorrenti qieghed jitlob illi l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta.*

2) *Illi fil-premessi tar-rikors tieghu r-rikorrenti jaghti x'jifhem illi l-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-artikolu 66B huma sodisfatti. Madanakollu, dan mhuwiex il-kaz stante illi hemm diversi pendenzi ghal spejjes straordinarji illi skont it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet ghandhom jithallsu fi kwoti ndaqs bejniethom u dan kif ser jirrizulta matul is-smiegh tal-kawza.*

3) *Illi meta l-esponenti talbitu flus ghal dawn il-hlasijiet, huwa rrifjuta li jhallas u stqarr illi huwa mhuwiex jhallas ghaliex skont ir-rikorrent, l-esponenti haditlu xi deheb. Jigi umilment sottomess illi apparti l-fatt li dan mhuwiex minnu, dan huwa in ogni caso irrelevanti stante illi mhuwiex possibbli illi tpaci manteniment ma dejn civili.*

4) *Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-hall taz-zwieg mhumiex sodisfatti u d-divorzju ma jistax jigi pronunzjat bejn il-kontendenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tad-19 ta' Jannar 2023 fejn l-intimata uriet ix-xewqa illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M; (Vide Fol 21)

Rat illi nhar il-15 ta' Gunju 2023, il-kwistjoni tal-manteniment giet risolta bejn il-partijiet; (Vide Fol 33)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar il-5 ta' Ottubru 2008, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar it-18 ta' Novembru 2021. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehedet** viva voce (vide fol 31) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Ottubru 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 1889/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 23). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar it-18 ta' Novembru 2021 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1889/2008 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tordna li l-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe' M u li d-Direttur Registru Pubbliku jiehu l-passi mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**